

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Drittijietek](#) > [Il-Vittmi Ta' Delitti \(għalkemm Hawnhekk Tista' Tfiesser Ukoll Tal-kriminalità\)](#)  
> [Kumpens](#) > [Jekk It-talba Tiegħi Se Titqies F'dan Il-pajjiż](#) > [Germany](#)

# Jekk it-talba tiegħi se titqies f'dan il-pajjiż

Il-kontenut ipprovdut minn  
Ġermanja



Ġermanja

## Il-liġi Ġermaniża dwar il-kumpens għall-vittmi

[Liġi dwar il-kumpens għall-vittmi ta' reati vjolenti](#)

[Liġi dwar il-kumpens għall-vittmi ta' reati vjolenti bl-Ingliż](#)

## Liema tip ta' reat nista' nikseb kumpens għalih?

Fil-prinċipju, tista' tikseb kumpens għal kwalunkwe attakk illegali intenzjonat (eż. attakk fiżiku, attakk sesswali, attakk terroristiku, omiċidju volontarju) skont l-Att dwar il-Kumpens għall-Vittmi tal-Kriminalità (*Opferentschädigungsgesetz* - OEG). Il-kumpens jista' jitħallas lill-vittmi jew lill-qraba superstiti tagħhom.

## Liema tip ta' korriment nista' nikseb kumpens għalih?

Kumpens jitħallas mhux biss għal dannu għas-saħħa iżda wkoll għall-konsegwenzi ekonomiċi ta' tali dannu għas-saħħa. Effetti psikoloġiċi negattivi huma rikonoxxuti wkoll bħala dannu għas-saħħa. Madankollu, id-dannu għas-saħħa jrid ikollu natura fit-tul (jiġifieri jrid idum aktar minn 6 xhur). Ma jitħallasx kumpens għal ħsara lill-proprjetà u telf finanzjarju. Lanqas ma jitħallas kumpens għal uġiġ u tbatija taħt l-OEG.

## Nista' ningħata kumpens jekk jien membru tal-familja jew dipendenti ta' vittma li tkun mietet b'riżultat ta' reat? Liema qraba jew dipendenti jistgħu jiksbu kumpens?

Il-kumpens jitħallas ukoll lill-qraba superstiti ta' vittma. Il-qraba superstiti huma l-konjuġi, is-sieħeb irregiġtrat u t-tfal tal-vittma u, f'każijiet eċċezzjonali, il-ġenituri tiegħu. "Tfal" tinkludi tfal adottati, tfal taħt fostering u tfal minn żwieġ ieħor.

## Nista' nikseb kumpens jekk jien membru tal-familja jew dipendenti ta' vittma li tkun għadha ħajja? Liema qraba jew dipendenti jistgħu jiksbu kumpens f'dan il-każ?

Il-qraba ta' vittma li tkun salvat jistgħu, taħt ċerti ċirkostanzi, jiksbu ħlasijiet għall-kura medika u għall-manteniment.

## Nista' nikseb kumpens jekk m'iniex ċittadin ta' pajjiż tal-UE?

Iċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi mhux tal-UE li jisfaw vittmi ta' reat vjolenti fil-Ġermanja jirċievu (retroattivament

mill-1 ta' Lulju 2018) l-istess kumpens b'hall-vittmi li jkunu ċittadini Ġermaniżi.

**Nista' nitlob kumpens minn dan il-pajjiż jekk ngħix hawnhekk jew niġi minn hawnhekk (dan huwa l-pajjiż tar-residenza jew tan-nazzjonalità tiegħi) anke jekk ir-reat sar f'pajjiż ieħor tal-UE? Nista' nagħmel dan minflok nitlob kumpens fil-pajjiż fejn seħħ ir-reat? Jekk iva, taħt liema kundizzjonijiet?**

Skont l-Artikolu 3a tal-OEG, il-vittmi ta' reat vjolenti mwettqa barra mill-pajjiż li huma residenti fil-Ġermanja jistgħu wkoll jingħataw kumpens mill-Istat Ġermaniż. Dan isir fil-forma ta' ħlas ta' darba. Kwalunkwe kumpens mill-pajjiż fejn ikun seħħ ir-reat jiġi b'bilanċjat ma' dan il-kumpens.

**Għandi nkun irrappurtajt ir-reat lill-pulizija qabel inkun nista' nitlob kumpens?**

L-applikanti taħt l-OEG għandhom id-dmir li jikkooperaw fil-proċedura ta' kumpens. Dan ifisser li jagħtu rendikont taċ-ċirkostanzi kollha li jistgħu jgħinu biex jiċċaraw il-fatti tal-każ. Dan ġeneralment ifisser li t-trażgressur jeħtieġ li jiġi rrappurtat lill-pulizija. F'ċerti każijiet, ir-rekwiżit li jiġi rrappurtat reat jista' jitneħħa (eż. meta ma jistax ikun raġonevolment mistenni mill-vittma).

**Irrid nistenna r-riżultat ta' xi investigazzjoni tal-pulizija jew xi proċedimenti kriminali qabel ma nkun nista' nagħmel it-talba?**

Le, l-awtoritajiet kompetenti ġeneralment jiddeċiedu b'mod indipendenti dwar talbiet magħmula taħt l-OEG. Madankollu, f'xi każijiet jista' jkun meħtieġ li wieħed jistenna r-riżultat ta' investigazzjonijiet tal-pulizija jew ta' proċedimenti kriminali.

**Għandi għalfejn l-ewwel nitlob kumpens mit-trażgressur — jekk ikun ġie identifikat?**

Le.

**Jekk it-trażgressur ma jkunx ġie identifikat jew ma jkunx ġie kkundannat, xorta nista' nikkwalifika għall-kumpens? Jekk iva, liema evidenza rrid nippreżenta biex nappoġġa t-talba tiegħi?**

Iva, il-kumpens huwa disponibbli irrispettivament minn jekk it-trażgressur ikunx ġie identifikat jew ikkundannat. Biex tappoġġa t-talba tiegħek, jenħtieġ li tippreżenta d-dokumenti kollha li jistgħu jgħinu biex jiġu ċċarati l-fatti tal-każ u biex jiġi ddeterminat l-ammont ta' ħsara kkawżata.

**Hemm limitu ta' żmien li fih għandi nitlob kumpens?**

Le, ma hemm l-ebda limitu ta' żmien skont l-OEG. Madankollu, il-pagamenti ta' kumpens jistgħu jsiru biss b'mod retroattiv għal perjodu ta' sena qabel ma ssir it-talba.

**Liema telf u spejjeż jiġu koperti mill-kumpens?**

Danni materjali u psikoloġiċi għas-saħħa li jirriżultaw minn reat vjolenti huma koperti mill-kumpens. Kumpens għall-vittmi jinkludi benefiċċji tal-pensjoni ta' kull xahar. Hemm ukoll benefiċċji biex jikkumpensaw għall-konsegwenzi ekonomiċi.

L-ammont u d-durata tal-benefiċċji huma rregolati mill-Att Federali dwar l-Assistenza (*Bundesversorgungsgesetz*).

Dawn ikopru b'mod partikolari:

- l-ispejjeż mediċi, is-servizzi ta' kura
- għajnuniet mediċi (eż. proteżi, proteżi dentali, siġġijiet tar-roti)
- benefiċċji tal-pensjoni ta' kull xahar, li jistgħu jkunu relatati mal-introjt jew le, għall-partijiet li jkunu sofrew ħsara u għas-superstiti
- spejjeż tal-funerali u għotjiet f'każ ta' mewt
- benefiċċji soċjali addizzjonali għal dawk li huma ekonomikament imċaħħda (eż. assistenza ta' kura, assistenza addizzjonali għas-sussistenza).

Ma jitħallasx kumpens għall-uġiġ u t-tbatija (*Schmerzensgeld*). Fil-prinċipju, ma jitħallasx kumpens għal ħsara lill-proprjetà u għal telf finanzjarju. Isiru eċċezzjonijiet għal għajnuniet li jintlibsu, bħal nuċċalijiet, lentijiet tal-kuntatt u dentaturi.

## Il-kumpens jitħallas f'somma f'daqqa jew f'pagamenti fix-xahar?

Il-pagamenti tal-pensjonijiet lill-vittmi u lill-qraba superstiti biex jikkumpensaw għall-konsegwenzi ekonomiċi u dawk relatati mas-saħħa tad-dannu għas-saħħa jitħallsu kull xahar sakemm ir-rekwiżiti kollha meħtieġa jiġu ssodisfati. Benefiċċji oħra jitħallsu jekk u meta jkun hemm bżonn għalihom (eż. spejjeż tal-funerali, proteżijiet).

## B'liema mod tista' l-imġiba tiegħi fir-rigward tar-reat, il-fedina penali tiegħi jew in-nuqqas ta' koperazzjoni tiegħi matul il-proċedimenti għal kumpens jaffettwaw il-possibbiltà tiegħi li nieħu kumpens, u/jew l-ammont li nirċievi?

Jekk il-parti leża kkawżat id-dannu hija stess jew jekk ikun inġust li tħallas kumpens għal raġunijiet oħra, b'mod partikolari minħabba l-imġiba tal-vittma stess, allura l-kumpens jiġi miċħud. Madankollu, is-sempliċi eżistenza ta' fedina penali mhix biżżejjed biex tiġġustifika deċiżjoni bħal din. Ir-rikorrenti għandhom l-obbligu li jgħinu kemm jista' jkun biex jiċċaraw il-fatti tal-każ. Jekk ma jissodisfawx dan l-obbligu, il-kumpens jista' jiġi miċħud, kollu kemm hu jew parti minnu.

## B'liema mod tista' s-sitwazzjoni finanzjarja tiegħi taffettwa l-possibbiltà li nieħu kumpens u/jew l-ammont tal-kumpens?

Skont l-OEG, il-kumpens jitħallas irrispettivament mid-dħul jew mill-ġid tal-parti leża. Is-sitwazzjoni finanzjarja tal-parti leża jista' jkollha biss impatt fuq l-ammont ta' kumpens mogħti sabiex tikkumpensa għal ħsara ekonomika, jew fil-każ ta' benefiċċji tal-kura.

## Hemm xi kriterji oħra li jistgħu jaffettwaw il-possibbiltà li nieħu kumpens u/jew l-ammont tal-kumpens?

Le.

## Kif jiġi kkalkulat il-kumpens?

L-ammont tal-benefiċċji tal-pensjoni bħala kumpens għall-konsegwenzi ta' dannu għas-saħħa huwa kkalkolat skont il-firxa ta' dawk il-konsegwenzi.

L-ammont tal-benefiċċji biex jikkumpensaw għall-konsegwenzi tad-dannu ekonomiku huma bbażati fuq l-iżvantaġġi ekonomiċi mġarrba.

## Hemm ammont minimu/massimu li jista' jingħata?

Le.

Jiena mistenni li nikkwota l-ammont fil-formola tat-talba? Jekk iva, nirċievi xi istruzzjonijiet dwar kif nikkalkulah jew dwar aspetti oħra?

Le. Mhux meħtieġ li tikkwota ammont fuq il-formola int stess. L-ammont huwa bbażat fuq id-dannu relatat mas-saħħa u d-dannu ekonomiku mġarrab u huwa stabbilit mill-awtorità li tiddeċiedi.

Jekk nirċievi xi kumpens għat-telf tiegħi minn sorsi oħra (bħal mingħand min iħaddimni jew skema ta' assigurazzjoni privata) dan se jitnaqqas mill-kumpens imħallas mill-awtorità/entità?

Il-pagamenti tal-pensjoni bħala kumpens għall-konsegwenzi ta' dannu relatat mas-saħħa jsiru irrispettivament minn jekk tirċevix pagamenti minn entitajiet privati jew pubbliċi oħra. Madankollu, dawn il-pagamenti jistgħu jiġu kkunsidrati meta jsir il-kalkolu tal-pagamenti ta' kumpens għall-konsegwenzi ta' dannu ekonomiku.

Nista' nieħu ħlas bil-quddiem mill-kumpens? Jekk iva, taħt liema kundizzjonijiet?

Pagamenti bil-quddiem mhumiex possibbli taħt l-OEG. Il-pagamenti biex ikopru kura medika jistgħu, madankollu, isiru qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar it-talba għal kumpens.

Nista' nikseb kumpens kumplimentari jew addizzjonali (eż. wara bidla fiċ-ċirkostanzi jew jekk is-saħħa tmur għall-agħar eċċ.) wara d-deċiżjoni prinċipali?

F'każ li s-saħħa tmur għall-agħar, dejjem tista' ssir "talba ta' aggravazzjoni" (*Verschlimmerungsantrag*) sabiex jintalab il-kalkolu mill-ġdid tal-ammont ta' kumpens. Il-bidliet fid-dħul jistgħu dejjem jitqiesu fil-kalkolu tal-kumpens għall-konsegwenzi tad-dannu ekonomiku.

X'dokumenti ta' sostenn għandi bżonn ninkludi mat-talba tiegħi?

Għandek tippreżenta d-dokumenti kollha li jistgħu jgħinu biex jiġu ċċarati l-fatti tal-każ u biex jiġi ddeterminat l-ammont ta' ħsara kkawżata.

Hemm imposti amministrattivi jew oħrajn li għandhom jitħallsu meta t-talba tiegħi tiġi rċevuta u pproċessata?

Le.

Liema awtorità tiddeċiedi dwar talbiet ta' kumpens (f'każijiet nazzjonali)?

L-awtoritajiet li jiddeċiedu huma l-awtoritajiet tal-assistenza soċjali f'kull stat federali. Il-kompetenza hija tal-istat federali l-vittma tkun residenti fih.

Jekk il-vittma ta' reat vjolenti fil-Ġermanja ma tkunx residenti l-Ġermanja, il-vittma tista' tippreżenta talba lill-awtorità soċjalifl-istat federali fejn ikun seħħ ir-reat.

Biex ir-rikorrenti barranin ma jitilfux ħin ifittxu l-korp responsabbli, jistgħu jikkuntattjaw il-Punt ta' Kuntatt Ċentrali fil-Ministeru Federali tax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali (*Zentrale Kontaktstelle, Bundesministerium für Arbeit und Soziales*), li jibgħat it-talba ta' kumpens lill-awtorità korretta.

## Fejn għandi nibgħat it-talba (f'kazijiet nazzjonali)?

It-talba għandha tintbagħat lill-awtorità soċjali kompetenti.

Biex ir-rikorrenti barranin ma jgħidux li jidher li huma responsabbli, jistgħu jikkuntattjaw lill-Punt ta' Kuntatt Ċentrali fil-Ministeru Federali tax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali (*Zentrale Kontaktstelle, Bundesministerium für Arbeit-und Soziales*),

## Għandi bżonn inkun preżenti matul il-proċedura u/jew meta tkun qed tiġi deċiżja t-talba tiegħi?

Le.

## Kemm tiegħu żmien (bejn wieħed u ieħor) biex l-awtorità tiddeċiedi dwar talba għal kumpens?

Ma hemmx risposta definittiva għal din il-mistoqsija. It-tul tal-proċedura jiddependi, b'mod partikolari, fuq kemm ikun faċli jew diffiċli li jiġu ċċarati il-fatti tal-każ u jekk ikunx meħtieġ li jinkisbu rapporti mediċi.

## Jekk ma nkunx sodisfatt bid-deċiżjoni tal-awtorità, kif nista' nikkontestaha?

Tista' tappella kontra d-deċiżjoni. Jekk l-awtorità kompetenti ma tiħux deċiżjoni differenti wara l-proċedura tal-appell, tista' tressaq ilment quddiem il-Qorti għall-Kwistjonijiet Soċjali (*Sozialgericht*).

## Fejn nista' nikseb il-formoli meħtieġa u informazzjoni oħra dwar kif nagħmel talba?

Il-formoli tal-applikazzjoni u informazzjoni oħra jistgħu jinstabu fuq:

[Applikazzjoni għall-kumpens tal-vittmi tal-kriminalità](#) ( bmas.de)

[Liġi dwar il-kumpens soċjali - BMAS](#) taħt "Applikazzjoni"

## Hemm xi linja telefonika speċjali għall-għajnuna jew sit web li nista' nuża?

Informazzjoni dwar dan tista' tinstab fuq:

<https://www.bmas.de/DE/Soziales/Soziale-Entschaedigung/Soziale-Entschaedigung/soziale-entschaedigung.html>

<http://www.bmas.de/victimscompensation>

Tista' ssib informazzjoni dwar l-organizzazzjonijiet ta' appoġġ għall-vittmi fil-Ġermanja fuq

<https://www.odabs.org/>

## Nista' ningħata għajnuna legali (għajnuna minn avukat) meta nkun qed inħejji t-talba?

Le. L-ispejjeż legali mhumiex meqjusa bħala kumpens u għalhekk ma jistgħux jiġu mħallsa lura taħt l-OEG.

## Hemm xi organizzazzjonijiet ta' appoġġ lill-vittmi li jistgħu jgħinuni nitlob kumpens?

Iva, hemm numru ta' organizzazzjonijiet reġjonali u nazzjonali ta' appoġġ lill-vittmi. L-akbar organizzazzjoni nazzjonali hija "der WEISSE RING".

■ L-aħħar aġġornament: 02/09/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.